

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

P8\_TA(2016)0017

**Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE-Kosovo \*\*\***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo, min-naħa l-oħra (10725/2/2015 – C8-0328/2015 – 2015/0094(NLE))**

(Approvazzjoni)

(2018/C 011/24)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (10725/2/2015),
  - wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda u l-Kosovo, min-naħa l-oħra (10728/1/2015),
  - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni mressqa mill-Kunsill b'konformità mal-Artikolu 217 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(i) u l-Artikolu 218(7) u (8), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0328/2015),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet paragrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A8-0372/2015),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Kosovo.
-